REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 573/2009

tad-29 ta' Ġunju 2009

li jniedi reviżjoni ta' "esportatur ġdid" tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2006 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-ġilda tal-kamoxxa li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jirrevoka d-dazju fir-rigward tal-importazzjonijiet minn esportatur wieħed f'dan il-pajjiż u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b' mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. TALBA GĦAL REVIŻJONI

(1) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għal reviżjoni ta' "esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. L-applikazzjoni tressqet minn Henan Prosper Skins & Leather Enterprise Co., Ltd. ("l-applikant"), produttur esportatur fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat").

B. Il-PRODOTT

(2) Il-prodott li qiegħed jiġi rivedut huwa ġilda tal-kamoxxa u ġilda mħallta tal-kamoxxi, sew jekk maqtugħa skont il-qies, sew jekk le, inklużi ġilda iebsa tal-kamoxxi u ġilda iebsa mħallta tal-kamoxxi, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat"), normalment iddikjarat fil-kodiċi NM 4114 10 10 u 4114 10 90.

C. MIŻURI EŻISTENTI

(3) Il-miżuri li hemm fis-seħħ bħalissa huma dazji anti-dumping definittivi imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2006 [2] li permezz tiegħu l-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Popolari taċ-Ċina, u prodotti mill-kumpanija, huma soġġetti għal dazju definittiv anti-dumping ta' 58,9 %.

D. RAĠUNIJIET GĦAR-REVIŻJONI

(4) L-applikant jallega li jopera f'kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kif iddefiniti fl-Artikolu 2(7) (c) tar-Regolament bażiku jew alternattivament jitlob trattament individwali konformi mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. Hu jkompli jallega li ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu kienu bbażati l-miżuri anti-dumping, jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' April 2004 sat-31 ta' Marzu 2005 ("il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali") u li mhu relatat mal-ebda produtturi esportaturi tal-prodott li huma suġġetti għall-miżuri anti-dumping imsemmija hawn fuq.

(5) L-applikant ikompli jallega li beda jesporta l-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità wara tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali.

E. PROĊEDURA

(6) Il-produtturi Komunitarji magħrufa li huma kkonċernati kienu infurmati bl-applikazzjoni ta' hawn fuq u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.

(7) Wara li eżaminat il-provi disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm provi biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni ta' "esportatur ġdid", skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku Wara li tasal it-talba msemmija hawn taħt fil-premessa (13), ikun iddeterminat jekk l-applikant joperax taħt kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kif iddefinit fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku jew alternattivament jekk l-applikant jissodisfax ir-rekwiżiti biex ikollu dazju individwali stabbilit skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. Jekk inhu hekk, il-marġini individwali ta' dumping tal-applikant ikun ikkalkolat u, jekk jinstab li sar dumping, il-livell tad-dazju li għalih għandha tkun suġġetta l-importazzjoni tiegħu fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat għandu jiġi determinat.

(8) Jekk jiġi deċiż li l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit dazju individwali, jista' jinħtieġ li ssir emenda fuq ir-rata ta' dazju applikabbli bħalissa għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi l-oħra kollha jiġifieri d-dazju speċifikat bħalissa, fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2006, kif japplika lill-"pajjiżi kollha" fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

(a) Il-kwestjonarji

(9) Biex tkun tista' tikseb it-tagħrif li hija tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-applikant.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU L 251, 14.9.2006, p. 1.

(b) **Il-ġabra tal-informazzjoni u s-smigħ ta' seduti**

(10) Il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn.

(11) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, dejjem jekk jagħmlu talba bil-miktub li turi li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

(12) Qed tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju tal-parti l-kbira tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependu minn jekk il-parti tippreżentax ruħha matul il-perjodu stipulat minn dan ir-Regolament.

(c) **Trattament ta' ekonomija tas-suq/ trattament individwali**

(13) F'każ li l-applikant jipprovdi biżżejjed evidenza li turi li huwa jopera taħt kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq, jiġifieri li jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, il-valur normali jkun iddeterminat skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, għandhom jintbagħtu talbiet sostanzjati kif xieraq fil-limitu taż-żmien speċifiku stabbilit fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni se tibgħat formoli ta' talba lill-applikant, kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Din il-formula għat-talbiet tista' tintuża mill-applikant biex jitlob trattament individwali, jiġifieri li dan jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(d) **L-għażla tal-pajjiż b'ekonomija tas-suq**

(14) F'każ li l-applikant ma jingħatax stat ta' ekonomija tas-suq imma jissodisfa r-rekwiżiti li jkollu dazju individwali stabbilit skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, jintuża pajjiż addattat b'ekonomija tas-suq għall-fini li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni bi ħsiebha terġa' tuża lill-Istati Uniti tal-Amerika għal dan il-għan kif kien sar fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna jikkummentaw dwar kemm din l-għażla hija xierqa, fil-limitu taż-żmien speċifiku stabbilit fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament.

(15) Barra minn hekk, f'każ li l-applikant jingħata trattament ta' ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni tista', jekk meħtieġ, tuża wkoll sejbiet li jikkonċernaw il-valur normali stabbilit f'pajjiż addattat b'ekonomija tas-suq, eż. għall-fini li jinbidlu kull elementi ta' spiża jew prezz li mhux affidabbli fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li huma meħtieġa biex jiġi stabbilit il-valur normali, jekk ma tkunx disponibbli d-data affidabbli meħtieġa fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-Kummissjoni bi ħsiebha tuża lill-Istati Uniti tal-Amerika għal dan il-għan ukoll.

F. **REVOKA TAD-DAZJU FIS-SEHH U REĠISTRAZZJONI TA' IMPORTAZZJONIJIET**

(16) Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, id-dazju anti-dumping fis-seħħ għandu jiġi rrevokat fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li huma prodotti u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mill-applikant. Fl-istess ħin, dawn l-importazzjonijiet għandhom isiru suġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, sabiex jiġi assigurat li, jekk ir-riżultat tar-reviżjoni juri sejba ta' dumping fir-rigward tal-applikant, id-dazji anti-dumping jistgħu jiġu imposti retroattivament mid-data tal-bidu ta' din ir-reviżjoni. L-ammont li għalih l-applikant jista' jkun responsabbli fil-futur ma jistax jiġi stmat f'dan l-istadju tal-proċediment.

G. **LIMITI TA' ŻMIEN**

(17) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' żmien li fi ħdanhom:

— il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw irwieħhom lill-Kummissjoni, iressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jissottomettu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa (9) ta' dan ir-Regolament jew jipprovdu kwalunkwe tagħrif ieħor li għandu jitqies matul l-investigazzjoni,

— il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni,

— il-partijiet interessati jistgħu jikkummentaw dwar l-adegwadezza tal-Istati Uniti tal-Amerika li, f'każ li l-applikant ma jingħatax status ta' ekonomija tas-suq, tkun meqjusa bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq għall-għan li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina,

— l-applikant għandu jissottometti talba ssostanzjata kif xieraq għal trattament ta' ekonomija tas-suq u/jew għal trattament individwali skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

H. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(18) F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għal informazzjoni meħtieġa, jew ma tipprovdihiex fiż-żmien preskritt, jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, issejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, imsejsa fuq il-fatti disponibbli.

(19) Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni għandha titwarrab u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss b'mod parzjali, u jsir użu mill-fatti disponibbli, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

I. **IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

(20) Ġie nnotat li kwalunkwe dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tkun ittrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta ([1]).

J. **UFFIĊJAL GĦAS-SEDUTI TAS-SMIGĦ**

(21) Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Seduti tad-DĠ għall-Kummerċ. Huwa jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn meħtieġ, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw lill-ħarsien tal-interessi tiegħek f'dan il-proċediment, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limitu taż-żmien u t-trattament ta' preżentazzjonijiet tal-fehmiet oralment u/jew bil-miktub. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni elettroniċi tal-Uffiċjal għas-Seduti fuq il-websajt tad-DĠ għall-Kummerċ (http://ec.europa.eu/trade),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed titnieda reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1338/2006 skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 biex jiġi ddeterminat jekk u sa liema punt l-importazzjonijiet tal-ġilda tal-kamoxxa u ġilda mħallta tal-kamoxxi, sew jekk maqtugħa skont il-qies, sew jekk le, inklużi ġilda iebsa tal-kamoxxi ta' u ġilda iebsa mħallta tal-kamoxxi, jaqgħux taħt il-kodiċi NM 4114 10 10 and 4114 10 90, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, prodott jew mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Komunità minn Henan Prosper Skins & Leather Enterprise Co., Ltd (Kodiċi addizzjonali TARIC A957) għandhom ikunu suġġetti għad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 1338/2006.

Artikolu 2

Id-dazju antidumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2006 huwa rrevokat permezz ta' dan ta' hawnhekk fir-rigward ta' l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-awtoritajiet doganali huma hawnhekk ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

1. Il-partijiet interessati li jridu li r-rappreżentazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati għandhom jippreżentaw irwieħhom lill-Kummissjoni u jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jressqu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa (9) ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe tagħrif ieħor, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, fi żmien 40 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fi żmien l-istess limitu ta' 40 jum.

2. Il-partijiet involuti fl-investigazzjoni li jridu jikkummentaw dwar jekk l-Istati Uniti tal-Amerika hijiex xierqa li titqies bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq għall-għan li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għandhom iressqu l-kummenti tagħhom fi żmien għaxart ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Talbiet sostanzjati kif xieraq għal trattament ta' ekonomija tas-suq u/jew trattament individwali għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 40 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4. Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati jridu jsiru bil-miktub (mhux b'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Kull sottomissjoni bil-miktub, li tinkludi l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet tal-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandha tkun immarkata bħala "Ristretta ([2])" u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, għandha tkun akkumpanjata b'verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati".

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

([2]) Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim Anti-dumping).

Kwalunkwe tagħrif li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni u/jew kwalunkwe talba għal seduta għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate General for Trade
Directorate H
Office: N105 4/92
B-1049 Brussell
Faks (32 2) 295 65 05

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni
Catherine ASHTON
Membru tal-Kummissjoni